

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-11 ta' Lulju 2017 – Viraj Profiles vs Il-Kunsill

(Kawża T-67/14) <sup>(1)</sup>

("Dumping — Importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbi li joriġinaw mill-Indja — Determinazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni — Spejjeż relatati mal-bejgħ, spejjeż amministrattivi u spejjeż oħra ġeneralni — Obbligu ta' motivazzjoni — Dannu — Rabta kawżali — Ilment — Ftuħ tal-investigazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni")

(2017/C 277/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### **Parties**

Rikorrenti: Viraj Profiles Ltd (Maharashtra, l-Indja) (rappreżentanti: V. Akritidis u Y. Melin, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn B. Driessen, sussegwentement H. Marcos Fraile, aġenti, assistit minn R. Bierwagen, C. Hipp u D. Reich, avukati)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland u A. Stobiecka-Kuik, aġenti)

#### **Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2013, tal-5 ta' Novembru 2013, li jimponi dazju anti-dumping definitiv u li jiġbor b'mod definitiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbi li joriġinaw mill-Indja (ĠU 2013, L 298, p. 1), sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrenti.

#### **Dispożittiv**

- 1) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2013, tal-5 ta' Novembru 2013, li jimponi dazju anti-dumping definitiv u li jiġbor b'mod definitiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbi li joriġinaw mill-Indja, huwa annullat, sa fejn dan jikkonċerna lil Viraj Profiles Ltd.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbatis l-ispejjeż tiegħi kif ukoll dawk sostnuti minn Viraj Profiles.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatil l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 112, 14.4.2014.

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-6 ta' Lulju 2017 – Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-74/14) <sup>(1)</sup>

("Għajjnuna mill-Istat — Għajjnuna mogħtija minn Franza lil SNCM — Għajjnuna għar-ristrutturar u miżuri meħuda fil-kuntest ta' pjan ta' privatizzazzjoni — Kriterju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq — Deċiżjoni li tiddikkjara l-ghajjnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern — Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura ta' investigazzjoni formali — Obbligu ta' motivazzjoni")

(2017/C 277/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: inizjalment minn G. de Bergues, D. Colas, E. Belliard u J. Bousin, sussegwentement minn D. Colas, E. Belliard u J. Bousin, aġenti)